MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 74/1992/1

**Jason Spiteri (I.D. Number 278271 M)**

**vs**

**Joseph Deguara peronalment u in rapprezentanza tad-ditta maghrufa bhala JACK FROST**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fis-17 ta' Jannar, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi nhar it-8 ta' Janner, 1990, l-attur kien sema' li l-konvenut kif premess kellu htiega ghal xi mpjegati;

Illi dak iz-zmien l-attur kien dizokkupat u ghalhekk mar ghand il-konvenut kif premess, talbu biex idahlu jahdem mieghu u l-konvenut accetta sabiex l-attur imur l-ghada, jigifieri fid-9 ta' Jannar, 1990;

Illi meta l-attur mar jahdem mal-konvenut kif premess, il-konvenut kien qabdu jippakja l-kapuljat u ftit tal-jiem wara l-konvenut talab lill-attur biex igieb il-ktieb tax-xoghol, u appena l-attur hadlu l-ktieb tax-xoghol, il-konvenut kif premess tefghu jahdem fuq il-magna tal-kapuljat;

Illi mhux biss l-attur ma kellu l-ebda esperjenza fuq magni ta' dan it-tip li jistghu jkunu ta' periklu kbir, imma lanqas mal-konvenut indenja li jaghti xi forma ta' tahrig jew jaghmel xi forma ta' supervizzjoni fuq l-attur meta qabdu jaghmel dan ix-xoghol fuq il-magna tal-kapuljat;

Illi l-attur beda jghaddi l-irkotta u peress illi l-attur kien ghadu kif jidhol jahdem mal-konvenut, hu ma kellux l-esperjenza mehtiega fuq magni ta’ dan it-tip, kienet irresponsabilita' kbira li l-konvenut jitfa' jahdem lill-attur fuq magni biex jghaddi l-irkotta;

Illi waqt li l-attur kien qed jaghmel dan ix-xoghol fuq tali magna li tghaddi l-irkotta, f'daqqa wahda minhabba li ma kienx hemm is-sigurta mehtiega, id l-attur inqabdet min tali magna b'mod illi nhatfet u nqatghet barra l-pala ta' idu;

Illi dan l-incident serju li halla dizabilita' permanenti fuq l-attur sehh nhar id-19 ta' Jannar, 1990, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba l-irresponsabilita' tieghu li jitfa' mpjegat gdid minghajr esperjenza ta' xejn fuq magna hekk perikoluza u minghajr ma l-istess konvenut ha l-prekawzjonijiet mehtiega li l-attur jinghata tahrig, u jkollu supervizzjoni biex b'hekk ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' negligenza, nuqqas ta' xi osservanza ta' regolamenti li setghu kienu mehtiega u proprju biex jigu evitati incidenti ta' natura gravi kif ta’ bilhaqq sehh;

Illi l-attur kien beda jahdem biss mal-konvenut nhar id-9 ta’ Jannar, 1990, u mbaghad wara kwazi gimgha ta' hidma mal-konvenut, l-istess konvenut kien baghat lill-attur biex igieb il-ktieb tax-xoghol. Peress illi kif inghad, malli l-attur kellu l-ktieb tax-xoghol f'idejh huwa mill-ewwel intefa' fuq il-magna perikoluza li tghaddi 'inter alia' l-irkotta u stante li l-ktieb tax-xoghol l-attur hadu lill-konvenut nhar

il-Hamis, 18 ta' Jannar, 1990, l-attur kien gie mqabbad jahdem fuq il-magna koncernata proprju l-Gimgha, 19 ta' Jannar, 1990, u fl-istess jum sehh l-incident li kellu jkollu konsegwenzi gravi mhux biss fizikament imma anke fuq il-psikologija tal-istess attur;

Illi kif inghad, minhabba li l-konvenut ma ha l-ebda forma ta' prekawzjonijiet, la f'forma ta' tahrig u lanqas f'forma ta' supervizzjoni, u lanqas f'forma ta' sigurta' sabiex l-attur ikun protett biex ma jigrilu l-ebda incident, allura minhabba irresponsabilta', negligenza assoluta, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li jharsu sahhet il-haddiem, u nuqqas ta' prekawzjonijiet bazici sabiex novel fil-mistier ma jghaddiex min xi forma ta' incident, l-attur sofra danni rreparabbli li ghalihom huwa unikament responsabbli l-konvenut kif premess;

Illi fil-jum tal-incident l-attur kien zaghzugh ta' tmintax (18) il-sena, b'mezzi finanzjarji tajbin fil-familja tieghu ma kienx hemm tant li hu hass il-htiega li hu stess imur ghand il-konvenut biex jitolbu x-xoghol u ghax sema li l-konvenut kellu bzonn ta' xi mpjegati, altrimenti kien jghix hajja normali ta' zaghazagh ta' dik l-eta' skond ic-cirku socjali u l-mezzi finanzjarji tal-familja tieghu;

Illi inter alia l-attur kien ihobb jilghab hafna l-football u kien anke attiv hafna fil-loghba tal-billiards, u dana lil-hinijiet liberi li kellu, attivitajiet li flimkien mal-hajja socjali li kien jghaddi kollha ntemmu fix-xejn minhabba l-incident serju li kellu u li minhabba fih tilef il-pala ta' wahda mill-idejn tieghu;

Illi ghalhekk minhabba dan l-incident, il-hajja tal-attur giet irvinata u ghalhekk rega' sab lilu nnifsu dizokkupat u maqtugh mill-hajja socjali li kien dara fiha, inkluz li n-namrata tieghu minhabba li giet li bdiet titherku b'pala ta' id nieqsa, telqitghu wkoll;

Illi l-magna li fuqha intbghat jahdem ghal ewwel darba l-attur lanqas biss kien fiha dak li hi msejha 'guard' sabiex proprju tevita' incident bhal ma sehh fuq il-persuna tal-attur, ghaliex kieku kien hemm tali 'guard' id l-attur ma

kienetx tinhataf mill-magna waqt li tkun ghaddejja l-irkotta frizata u per konsegwenza ma kienetx tinqatalghu l-pala ta' jdejh barra;

Illi l-incident ma kienx aktar serju minhabba cirkostanzi fejn kemm l-istess attur u xi shabu ohra li kienu qed jahdmu mieghu dak il-hin waqfu l-kurrent tal-elettriku li b'hekk waqqaf  il-magna milli tkompli tahdem, ghaliex kieku l-attur mhux biss pala ta' jdejh kien jitlef imma parti sostanzjali min idu li setghet ukoll f'tali kaz tipperikola l-istess hajtu;

Illi ghalkemm mitlub, sia verbalment u kif ukoll bil-kitba, anke permezz ta' ittri gudizzjarji, l-ahhar wahda tal-Hamis, tnax ta' Dicembru, elf disa' mija wiehed u disghin (12.12.1991), sabiex il-konvenut jersaq halli jillikwida d-danni u li jikkompensa lill-attur ghal dan l-incident li sofra tort unikament tal-konvenut, l-istess konvenut dejjem baqa' inadempjenti u m'ghamel l-ebda offerta accettabbli halli d-danni sofferti mill-attur b'xi mod jigu kkompensati;

Illi minhabba dawn il-fatti fil-qosor l-attur kien kostrett li jaghmel din ic-citazzjoni odjerna u ghalhekk talab li l-konvenut ighid ghaliex dina l-Qorti tal-Kummerc m'ghandiex, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien impjega lill-attur u li kien responsabbli ghal-incident gravissimu li sehh nhar id-19 ta’ Jannar, 1990, jigi kkundannat sabiex :

1. Jigi dikjarat responsabbli  tal-incident soffert mill-attur nhar id-dsatax ta’ Jannar, elf disa’ mija u dighin (19.01.1990), ghar-ragunijiet, ‘inter alia’, ta’ negligenza, nuqqas ta’ tahrig adegwat, nuqqas ta’ supervizzjoni, u nuqqas  ta’ provediment ta’ sigurta biex b’hekk tali incident serju kien seta’ jigi evitat;

2. Illi wara li jittiehdu l-fatti kollha inkonsiderazzjoni, u cioe’ l-eta’, il-kapacita u l-paga possibbli li seta’ jaqla l-istess attur, tigi likwidata l-kumpens dovut lill-istess attur ghat-telf tal-qliegh minnu, kagunat mill-incident li r-responsabilta tieghu kienet tal-konvenut kif premess;

3. Illi wara li jittiehdu l-fatti kollha in konsiderazzjoni, m'ghandux jigi likwidat ukoll mhux biss il-'lucrum cessans' imma ghandu jigi likwidat ukoll id-'damnum emergens' li sofra l-istess attur kagun tal-incident u li b'rizultat ta' dan ghadu sallum ma jistax jahdem;

4. Illi wara li jittiehdu l-fatti u c-cirkostanzi kollha in konsiderazzjoni, ghandha tigi likwidata somma ta' kumpens ghad-danni morali sofferti mill-istess attur, ukoll kagun tal-incident li r-responsabilita' ghalih kienet unikament tal-konvenut kif indikat;

5. Illi tali likwidazzjoni tad-danni ndikati fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' talba ta' din ic-citazzjoni, ghandu jigi prefiss terminu kif dawn ghandhom jithallsu lill-istess attur, u fin-nuqqas li dawn ma jithalsux fit-terminu ndikat mill-Qorti, is-somma likwidata wara li jghaddi t-terminu jibda jghaddi minn fuqha wkoll l-imghaxijiet b'rati kummercjali;

6. Illi ghandu jinghata provediment sabiex tigi maghmulha pala ta' id il-leminija tal-attur li tkun adegwata u tajba skond l-izviluppi teknici f'dan il-qasam ta' zminijietna u li tali spejjes ghandhom isiru da parti tal-konvenut kif indikat;

7. Illi ghandu jinghata provediment sabiex skond ic-cirkostanzi u htiega jinghata kumpens adegwat sabiex tali pala tal-id il-leminija tal-attur li ovvjament tkun wahda artificjali, tibqa' tinghata l-manutenzjoni mehtiega li tkun tinhtieg minn zmien ghal zmien sabiex tibqa tiffunzjona tajjeb, u b'hekk l-attur ikun kemm jista' jkun jista' jghix hajja normali;

8. Illi dina l-Qorti ghandha a spejjes tal-istess konvenut kif indikat, tinnomina esperti adegwati sabiex jirrelataw mhux biss fuq it-teknikalita tal-incident imma anke fuq it-tip ta' pala ta' id artificjali li tista tigi mwahhla mal-kumplament tal-id tal-attur, u li jkun hemm provediment adegwat sabiex l-attur ikollu l-kumpens mehtieg da parti tal-konvenut halli minn zmien ghal zmien tali pala ta' idu l-leminija tkun anke tista tinbidel skond l-izviluppi li jkunu qed isiru f'dan il-qasam u anke skond l-izvilupp fiziku tal-

istess attur minhabba li anke fil-mument ta' prezentazzjoni ta' tali citazzjoni huwa ghad ghandu biss ghoxrin (20) sena;

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut kif indikat inkluz dawk gudizzjarji li saru s'issa bhal ittra ufficjali ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru, 1991 u ohrajn, liema konvenut Joseph Deguara jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Deguara pro et noe, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti proprio ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u ghaldaqstant kull talba attrici in kwantu diretta lejh personalment ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

2. Illi fit-tieni lok l-isem tas-socjeta konvenuta kif citat huwa hazin u hemm lok ghall-korrezzjoni.

3. Illi fit-tielet lok l-eccipjenti ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-incident de quo li gara unikament b'rizultat ta' traskuragni u nuqqas ta' attenzjoni da parti ta' l-istess attur u ghalhekk isegwi illi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur;

4. Illi fir-raba' talba attrici hija insostenibbli fil-Ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

5. Illi s-sitt, is-seba' u t-tmien talba attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur in kwantu fl-ewwel lok diga kontemplati effettivament fil-komputazzjoni necessarja tad-danni precedentement mitluba u fit-tieni lok in kwantu l-eccipjenti kien diga, ex gratia offra lill-attur li jassistih ghall-intervent kirurgiku fil-Germanja li, kieku sar a tempo vergine kien inaqqas ferm il-pregudizzju tal-attur, izda liema intervent l-attur fl-ahhar mument irrifjuta li jaghmel;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April 1992 li permezz tieghu hatret il Dr Joseph Micallef Stafrace bhala perit legal ibis-soliti fakultajiet;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Marzu 1993 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu ta’ Dr Micallef Stafrace u issostitwietu bl-istess fakoltajiet u inkarigu b’Dr Philip Manduca.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Gunju 1994 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu ta’ Dr Philip Manduca u issostitwietu bl-istess fakoltajiet u inkarigu b’Dr Mark Chetcuti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Jannar 1996 li permezz tieghu hatret lit-Tabib Specjalista Carmel Sciberras sabiex jassisti lill-perit legali.

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat ir-rapport tal-periti gudizzjarji, ipprezentata waqt is-seduta tal-24 ta’ Jannar 2006;

Rat id-dokumenti esebiti, il-provi prodotti, u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi hadd mill-partijiet ma pprezenta nota ta’ kritika tar-rapport tal-periti gudizzjarji, hadd mill-partijiet ma eskuta ir-rapport, jew talab il-hatra ta’ periti perizjuri u, minkejja illi inghataw l-opportunita sabiex jaghmlu dan, hadd mill-partijiet ma ipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut Joseph Deguara xehed permezz ta’ affidavit u qal illi fiz-zmien illi gara l-incident in kwistjoni huwa kien jinnegozja taht l-isem Jack Frost, izda ma kienx ghad

ghandu l-kumpanija Jack Frost Frozen Foods Manufacturing Company Limited ghaliex din il-kumpanija giet iffurmata fil-25 ta' Lulju 1990. Huwa xehed li fiz-zmien in kwistjoni kien jinnegozja bhala sole trader u kien il-manager tal-impjant li kellu fl-Imsida.  Xogholu kien jikkonsisti fil-manifattura ta' ikel tal-friza u dak iz-zmien kienu jaghmlu biss hamburgers u ravjul.  Il-konvenut kompla jixhed li fit-8 ta' Jannar, 1990 l-attur kien gie iffittex ix-xoghol ghandu u kien qallu li kien diga ghamel xi zmien jahdem ma wiehed li ibiegh il-laham u ghalhekk kellu xi esperjenza f'dan il-qasam.  Il-konvenut kompla jghid li dak iz-zmien kellu xi guvintur jahdmu mieghu li kienu jafuh foshom Marvic Micallef u Pierre Mifsud, illi kienu wkoll ikkonfermawlu illi l-attur kien diga hadem ma xi hadd tal-laham.  Ghalhekk kien qabbad lill-attur fil-fabbrika mill-ghada.  Kienu hadmuh ftit jiem bi prova u gurnata qabel ma sehh l-incident in kwistjoni beda jahdem bil-ktieb tax-xoghol bhala labourer b'mod generali.  Il-konvenut xehed illi, bhalma dejjem jaghmel, kien wissa lill-attur sabiex joqghod attend meta ihaddem il-magni biex ma iweggax. Huwa xehed li minn dejjem kienu joqghodu attenti biex jevitaw il-periklu fuq il-post tax-xoghol u l-magni li kienu juzaw kellhom l-istandard safety measures apposta. Apparti minn hekk kienu jaghtu lill-impjegati gkieget u ingwanti apposta biex jahdmu bihom.  Rigward din il-magna li sfortunatament wegga biha l-attur, il-konvenut xehed illi kien jaghmel enfasi kbira mal-haddiema u kien wissa lill-attur ukoll bhalma kien wissa lil kull impjegat iehor sabiex joqghod attent meta juza il-mincing machine. Kien spjegalu sew kif tahdem, billi bl-id il-leminija titfa l-materjal, irkotta jew laham lit kun fit-tray tal-magna, umbaghad timbotta lejn ix-xellug fejn hemm il-hofra jew mincer biex xafra proprja.  Lill-attur kien qallu car li ghal ebda raguni ma kellu ghalfejn idahhal idejh fil-hofra u dan minhabba l-periklu. Kien anke insista mal-attur illi dak li jimbotta ghal got-throat tal-magna tal-mincing kellu jigi ippressat 'l isfel bil-melis biss u qatt bl-idejn.  Il-konvenut kompla jixhed illi fiz-zmien li kien impjegat maghhom, kien qabbad lill-attur jaghmel diversi tipi ta' xoghol bhal ippakkjar tal-burgers u ravjul f'boroz tal-plastik u tqeghid ta' tilari bir-ravjul fil-freezers.  Gieli qabbdu wkoll jghin lill-impjegat iehor Pierre Mifsud jaghmel ir-ravjul.  L-attur kien

innewwel il-qaleb tal-irkotta u jaqilbu gewwa fil-fliskatur mal-art hdejn il-magna tal-mincing. Ghalhekk qabel ma kien qabbad lill-attur jahdem fuq il-magna, l-attur diga kellu ideja tajba kif din tintuza peress illi kien jara lill-impjegati l-ohrajn juzawha. Apparti minn hekk, kien gieli qabbad lill-attur jahsel il-magna u apparti minn hekk dakinhar tal-incident ma kienitx l-ewwel darba illi l-attur kien hadem fuq din il-magna tal-mincing. Fil-fatt meta korra kienet ir-raba darba illi l-attur kien hadem fuq il-magna, u l-ewwel darba li kien hadem fuqha hu kien qaghad hdejh u l-attur kien lahaq ipprocessa numru ta' qlib sa kemm huwa qaghad hdejh. Inoltre anke meta telaq hu, fl-istess kamra u ezatt hdejn l-attur, piedi biss 'il boghod minnu kien hemm Pierre Mifsud li kien ragel ta' certu esperenza f'dan ix-xoghol. Dwar dakinhar ta' l-incident, il-konvenut xehed illi meta qabbad lill-attur biex jipprocessa l-irkotta bil-magna tal-mincing, l-attur kien diga hadem fuq din il-magna u huwa kien diga spjegalu kif kellha tintuza. Wara illi ra li l-attur kien qabad jaghmel xogholu, l-attur kien mar fil-parti l-ohra tal-fabbrika fil-kamra ta' ma gemb, fejn kien qieghed jahdem l-attur. Huwa xehed illi dak li kellu jaghmel l-attur kien semplici u li kieku segwa l-istruzzjonijiet tieghu ma kienx ikorri. Dwar il-melis li kien semma qabel fix-xhieda tieghu, il-konvenut xehed illi dan kienu ghamluh apposta biex jiffittja gewwa it-throat tal-magna minghajr ma jhalli spazju ghall-ebda oggett iehor. Fil-fatt il-magna kienet giet b'melis bhalu, izda li kien tal-plastik u ghalhekk kien flimsy u ghalhekk, biex izidu is-safety, kienu ghamlu melis iktar robust tal-injam li kien ta' l-istess wieghsa, izda li kellu manku itwal minn dak originali u dan biex tizdied is-sigurta. Bejn il-manku u il-parti ta' isfel tieghu il-melis kellu xoffa wieghsa aktar mill-korp tieghu u mic-cirkonferenza tat-throat tal-magna, biex izomm il-meliss milli jibqa niezel 'l isfel u zgur ma thalli xejn jghaddi 'l hemm mill-meliss. Il-konvenut kompla jixhed illi din il-mincing machine kienet timminsja permezz ta' speci ta' skrun illi jaqbad l-irkotta jew materjal iehor u jimbuttah lejn ix-xafra. L-iskrun jidher facilment meta wiehed ihares minn gewwa it-throat tal-magna, cioe' minn fejn tidhol l-irkotta u anke jekk bniedem ma jkunx jaf juza din il-magna, meta jara dan l-iskrun, jinduna li ma ghandux ghalfejn iddahhal idejh hemm gew,

ghal ebda raguni. L-iskrun jinsab xi sitta, jew tmien pulzieri ‘l isfel mill-wicc tal-magna, mentri il-meliss kien twil ta’ l-anqas pied. Skond il-konvenut, dan kien iffisser illi sabiex wiehed jaqbad idu f’din il-magna irid ikun dahhal idejh fil-fond u b’certu forza fit-throat. Fil-fatt il-meliss ma jkunx jista jibqa niezel sa hdejn l-iskrun peress li hemm ix-xoffa, li ma tippermettix li l-meliss jibqa niezel sa isfel u jasal sa hdejn l-iskrun. Il-konvenut kompla jixhed illi f’hin minnhom ra lill-attur u impjegat iehor tieghu jiccajtaw u jissottaw lil xulxin bl-irkotta u hu kien ghamel ghalihom u qalilhom biex joqghodu atttenti u jiehdu xogholhom bis-serjeta. Dak il-hin siktu u hu hareg u mar fil-kamra l-ohra. Ftit minuti wara sema l-ghajjat gej minn fejn il-kamra minn fejn kien qieghed jahdem l-attur. Huwa dahal jigri u sab lill-attur b’idu il-leminija fil-magna tal-mincing u bil-meliss f’id l-ohra. X’hin ra hekk, ipprova jinza il-flokk li kien liebes u dawwru ma id l-attur biex jipprova izomm id-demm li kien hiereg, dahlu fil-karozza u gera bih lejn l-isptar. Huwa ftakar illi fil-vettura l-attur kien iddispjacut hafna u kien qallu li kien aljena rasu u peress illi ma qaghadx attent kien dahhal idejh fil-magna. Il-konvenut kompla jixhed illi ma kienx hemm bzonn fl-ebda mument illi id l-attur tkun gewwa t-throat tal-magna, jew f’xi perikolu kwalsiasi. Il-konvenut kompla jixhed illi kemm hu, kif ukoll martu baqghu imorru jaraw lill-attur meta kien rikoverat l-isptar u minkejja l-fatt li ma kellu l-ebda responsabbilita b’dak li kien gara, kien hass li kellu jipprova jghin lill-attur bl-aktar mod li setgha. Dan kien jaghmlu anke li kieku l-incident ta’ l-attur gara mhux fuq il-post tax-xoghol, imma per ezempju f’incident tat-traffiku, ghaliex la darba kien jafu u jahdem mieghu kien jipprova jghinu mill-ahjar li setgha. Kien ghalhekk li xi ftit jiem wara li gara l-incident, ghar-ragunijiet umanitarji, kien ikkonsulta ma tobba dwar kif setgha jghin lill-attur u t-tobba kienu issuggerewlu illi l-attur kellu jitla l-Germanja biex isirlu id artificjali, ghaliex din kienet l-ahjar protesi li kien hawn f’dak iz-zmien. Din l-id kienet tkun funzjonanti u mhux biss kosmetika. Kienet l-aktar wahda sensittiva u li kienet tidher naturali dak iz-zmien. It-tobba kienu spjegawlu illi kien ikun ahjar li l-attur imur jaghmel l-operazzjoni kif il-ferita kienet ghadha friska meta l-mohh ikun ghadu qed jirrikonoxxi l-messaggi tan-nervituri ta’ l-id u jkun ghad hemm is-sensazzjoni, u kien

ghalhekk illi meta ra illi l-attur ma setghax ihallas ghal din l-operazzjoni kien offra spontanjament illi jhallashielu hu. Dr Slivka, li kien wiehed mill-Professuri li kienu operaw lill-attur f'Malta, kien anke wera lill-konvenut diversi tipi ta' mudelli ta' idejn biex jaghzel minnhom u kien irakkommandalu mudell partikolari. Hu kien offra dan kollu lill-attur. Kien offrielu wkoll tlett gimghat training, kif ukoll illi jitilghu sia it-tabib u kif ukoll omm l-attur ghall-wens sa kemm huwa jkun il-Germanja. Il-konvenut xehed illi ghal bidu l-attur deher illi kien ser jaccetta u kien ha lill-attur il-Gzira ghand certu Barberi li kien ex-pulizija illi kien tilef idejh meta splodiet il-petrol boat tal-pulizija u hadu sabiex jara l-id artificjali ta' dan Barberi. Il-konvenut kompla jixhed illi kien ghamel il-bookings kemm tal-passagg tal-ajru u tal-lukanda fil-Germanja, mentri it-Tabib Dr Slivka, li kien ser jitla mal-attur, kien ghamel l-arrangamenti kollha necessarji mal-isptar barra minn Malta biex l-attur jitla malajr kemm jista jkun, izda il-konvenut kien rega bdielu u meta kien cempillu sabiex iwasslu sal-airport peress li kellhom jitilqu l-ghada, jew omm jew missiet l-attur kienu qallulu illi l-attur ma kienx ser jitla il-Germanja. Il-konvenut xehed ukoll illi kien qal lill-attur illi meta l-attur jirritorna mill-operazzjoni kien lest illi jofri illi isib xoghol alternattiv lill-attur, izda l-attur kien irrifjuta.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-attur kellu tmintax il-sena meta gie impjegat mill-konvenut u ma irrizultax f'liema kapacita gie impjegat peress illi ma gie prodott ebda ktieb tax-xoghol. Ghalhekk jidher car illi l-attur kien gie impjegat bhala labourer b'mansjonijiet generali illi jaghmel dak li jkun hemm bzonn.

Illi minkejja l-fatt illi l-attur sostna illi kien dakinhar biss tal-incident illi hadem fuq il-magna, u minkejja wkoll il-fatt illi kemm Pierre Mifsud, kif ukoll Marvic Micallef xehdu illi qatt ma raw l-attur jahdem fuq il-magna, qabel dakinhar tal-incident il-konvenut xehed illi l-attur kien hadem xi erba' darbiet fuq il-magna qabel ma sehh l-incident.

Illi x-xiehda tal-konvenut hija ikkolloborata minn dak li xehed l-istess attur fil-25 ta' Jannar 1990 quddiem l-espert tal-Qorti fl-inkjesta magisterjali, meta l-istess attur kien ghadu l-isptar u ghalhekk ftit wara li sehh l-incident in kwistjoni. Fil-fatt l-attur kien xehed hekk : "Fuq il-mincer hdimt erba darbiet filghodu granet konsekuttivi, dejjem inkisser l-irkotta."

Illi l-Perit Legali ikompli jghid hekk fir-relazzjoni tieghu :

"Dakinhar tal-incident hadem fuqha il-gurnata kollha ghax dak li soltu kien jahdem fuq il-mincer kien ma jiflahx. In kontro ezami fuq din il-kwistjoni l-attur cahad li qatt qal dan id-diskors fl-inkjesta u baqa jinsisti li hadem fuq il-makna darba biss.

Ta min jispjega sew f'hiex tikkonsisti din il-makna msejha 'mincer'. Sfortunatament din il-makna mhix disponibbli ghalkemm il-konvenut ipprovda ritratt ta' makna simili.

Minn dak li qalu l-kontendenti din il-makna kienet tikkonsisti fi tray li fuqha kien jitpogga l-materjal bhal kapuljat jew f'dan il-kaz irkotta. L-impjegat kien b'idu l-leminija jimbotta l-irkotta lejn l-ghonq tal-makna li hu flush mat-tray. L-irkotta kienet tinzel f'dan l-ghonq forma ta' lembut li go fiha hemm qisu worm jew xafra li tqatta l-materjal u jinzel go tray that il-makna. Biex timbotta l-materjal 'l isfel fl-ghonq peress li xi kultant jehel l-impjegat kellu melies tal-injam. L-attur ma gharafx jghid kemm ix-xafra kienet 'l isfel f'ghonq il-makna ghalkemm kienet tidher minn ras l-ghonq izda l-konvenut jixhed li din kienet bejn sitta u tmien pulzieri 'l isfel. Lanqas ma jirrizulta b'mod car kemm kien wiesa l-ghonq ghalkemm hu ovvju minn dak li sehh illi kien wiesa bizzejjed biex tidhol id.

L-attur jixhed illi l-makna kienet provvista b'melies tal-injam li qal li kien wiesa daqs flixkun tal-luminata. Il-konvenut spjega illi l-melies originali tal-makna kien tal-plastic izda billi rah 'flimsy' ghal skop ta' sigurta ghamel wiehed tal-injam wiesa daqs l-ghonq tal-makna u twil xi pied. Bejn il-parti ta' fuq u taht il-melies kellu xoffa wiesa

biex il-melies jinzel sa certu livell fl-ghonq u ma jolqotx ix-xafra filwaqt li id l-impjegat bl-ebda mod ma tersaq lejn l-apertura tal-ghonq. Il-makna kellha switch li minnu tixghel u titfi l-makna mill-genb taghha. Il-makna kienet twila xi tlett piedi u gholja ftit pulzieri u dan skond ma qal l-attur stess.

In kwantu ghall-incident l-attur fix-xiehda jghid illi ma jafx ezattament x'gara. Fil-fatt jixhed hekk:

*"Mistoqsi jekk dakinhar tal-incident uzajtx il-melies biex nimbotta l-irkotta got-toqba nghid li ma niftakarx."*

*"Kien fadalli ftit irkotta, kont qed nimbuttaha lejn it-toqba u f'hin minnhom wehilt cioe gara dak li gara. Qed jigi suggert lili jekk kontx qed inkellem jew ikellimna xi hadd jew aljenajt rasi, nghid li ma nafx."*

*"Niftakar li kont qed immexxi l-irkotta lejn it-toqba b'idejja mikxufa. Ma nafx kellix il-melies f'idejja dak il-hin. F'idejja li sofriet il-hsara zgur ma kienx."*

Fl-inkjesta Magisterjali pero xehed hekk:

*"Ghandi nghid li jien kont qed nghaddi l-irkotta, nimbuttaha anki b'idi f'daqqa wahda jien hassejtni ningibed. Din hatfitli idi u kawza taghha jien tlift idi l-leminija. Naf li din l-injama kienet f'idi x-xellugija mhux f'idi l-leminija ghax jien fil-fatt hatfitli idi l-leminija."*

Hadd mill-impjegati ma ra l-incident isehh ghalkemm l-impjegat li kien fl-istess kamra mieghu Pierre Mifsud xehed li sema l-ghajjat tal-attur u mar u bil-fixkla gibed il-wire biex jitfi l-makna. Din intfiet u gibed lill-attur minn idu l-leminija mill-makna.

Rigward it-tahrig li l-attur kellu qabel beda jahdem fuq il-makna dan xehed hekk:

*"Ma jidhirlix li (l-konvenut) spjegali fid-dettal il-mod kif kelli naghmel dan ix-xoghol u mbaghad telaq minn hdejja. Qalli biex nitfa l-irkotta fil-passatur, wrieni fejn kien is-*

*switch. Il-melies kien qieghed mal-makna. Hu ma ghamillix dimostrazzjoni ta' dak li kelli naghmel."*

F'parti ohra jixhed hekk:

*"Dan sar kollu bid-diskors u kull ma qalli kien li nitfa l-irkotta fil-mincer u naghfsu 'l isfel b'injama li kien hemm fuq il-makna. B'idejja jien ghamilt kif qalli l-konvenut u dan quddiemu."*

L-attur xehed li mhux talli qatt ma hadem fuq il-makna qabel (li mbaghad ikkontadixxa lilu nnifsu wara li xehed differenti fl-inkjesta) izda li qatt ma kien jassisti lil hadd fuq il-makna u ghalkemm kien inewwel l-irkotta ma kienx joqghod jara x'qed jigri.

Impjegat iehor, Pierre Mifsud li kien jahdem part time mal-konvenut u gieli hadem fuq il-mincer, xehed li safejn jiftakar hadd ma wrieh kif tahdem b'din il-makna pero hu kien tas-sengha u kien jaf kif tahdem.

Marvic Micallef xehed li hu wkoll kien jahdem fuq il-mincer. Meta dahal jahdem mal-konvenut beda jahdem fuq mincer izghar minn dan li fuqu sehh l-incident. Ma kellux bzonn min ighidlu kif tahdem ghax fiha switch wiehed u toqba wahda. L-istess gara rigward il-mincer li fuqha sehh l-incident. L-esperjenza u l-facilita tal-uzu jghallmuk tuzaha, spjega x-xhud.

Il-konvenut, fl-affidavit tieghu, jixhed illi kien qabbad lill-attur jahdem mieghu ghax kien qallu li kien gia hadem f'hanut tal-laham. Il-konvenut wissih joqghod attent mill-makni u qal li l-makni kollha kien fihom safety features u l-impjegati huma muniti bi ggieget u ngwanti. Rigward il-makna partikolari wissa specifikament lill-attur bhal ma ghamel ma kull impjegat iehor meta juza l-makna tal-mincing. Kien spjegalu car kif tintuza l-makna u illi ghal ebda raguni ma kellu jpoggi jdejh fil-hofra izda juza l-melies f'ghonq il-mincer. Hu qal li l-attur kien hadem f'erba' okkazjonijiet fuq il-makna u ra impjegati ohra jahdmu fuqha. Apparti dan ix-xoghol l-attur ghamel xoghol iehor fil-fabbrika sa dakinhar tal-incident.

Konsiderazzjonijiet

Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi “F’azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita ta’ dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti ghalhekk jehtiegilha tezamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxilux jipprova konkludentment il-gustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkkolla l-htija fuq il-konvenut.” (**(Francis Busuttil vs Sammy Meilaq nomine** deciza **9 ta’ Dicembru 2002).**

Minn din is-silta jirrizulta minghajr dubbju ppruvat il-fatt dannuz. L-attur wegga u sofra dizabilita permanenti waqt li kien qieghed juza mincer li fuqu gie mqieghed jahdem mill-konvenut, l-imghallem tieghu.

L-attur irid jipprova illi dan il-fatt dannuz kien responsabbli ghalih il-konvenut, u dan kien negligenti fil-konfront tieghu. Din in-negligenza skond l-attur kienet tikkonsisti fil-fatt li hu ma giex impjegat jahdem fuq mincer izda bhala packer; illi hass li ma setax jirrifjuta meta l-principal qabdu jahdem fuq il-mincer ghax kien ghadu jibda x-xoghol u kellu biss tmintax-il sena; ma giex spjegat lilu b’mod car il-funzjonament tal-makna u r-riskji inerenti fiha; kienet l-ewwel darba li hadem fuqha u dan minghajr supervizjoni; illi l-makna ma kellhiex safety measures tajbin u idonei.

Hemm divergenza dwar il-mansjonijiet tal-attur pero mill-ftit granet li dam jahdem mal-konvenut irrizulta li kien tutto fare u jghin fil-bzonnijiet kollha ghalkemm jidher li hadem l-aktar bhala ‘packer’. Hemm divergenza jekk qattx hadem fuq din il-makna partikolari. L-impjegati ‘l ohra li xehdu ma jiftakrux li rawh jahdem qabel dakinhar fuq il-makna. L-attur jichad dak li xehed quddiem l-espert tal-Qorti fl-Inkjesta Magisterjali li kien hadem fuqha xi erba’ darbiet izda jixhed u jsostni li hadem fuqha dakinhar biss. Il-konvenut jixhed li fil-fatt hadem fuqha xi erba’ darbiet. Hu x’inhu l-kaz jirrizulta li nonostanti t-teknikalita dwar il-veru mansjonijiet tal-attur dan accetta volontajament li

juza din il-makna' ghalkemm wiehed jifhem u japprezza l-predikament ta' impjegat frisk u ta' eta' zghira bhall-attur li jirrifjuta li jahdem fuq xoghol li qabdu l-imghallem u trid tittiehed in konsiderazzjoni mal-assiem tal-provi 'l ohra biex tigi evalwata r-responsabilta.

L-allegazzjonijiet 'l ohra ta' negligenza maghmula mill-attur huma maghqudin flimkien taht il-principju llum kostanti fil-gurisprudenza taghna illi l-principal irid jipprovdi a safe system of work.

Fl-istess sentenza fuq citata l-Qorti qalet li "Il-ligi taghna in materja giet zviluppata mill-Qrati taghna fi skorta ta' decizjonijiet u in partikolari l-obbligu impost mill-ligi u r-regolamenti fuq min ihaddem kellu jsegwi biex jipprovdi sistema sikura ghall-impjegati tieghu. B'dan wiehed jifhem illi kull min ihaddem kellu jsegwi sistema tali li tassigura illi x-xoghol isir bil-galbu, minghajr pressjoni zejda, bi trankwillita, b'responsabilta u b'mezzi idonei." Ara wkoll ***John Sultana vs Francis Spiteri et noe*** deciza fit-**28 ta' Mejju 1979** mill-Qorti tal-Kummerc u ***CarmeloGalea vs Albert Mizzi et noe*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-**23 ta' April 2001**. Dan il-gudikat jirrispondi tajjeb ghall-precizazzjoni tal-grad tal-kolpa li ggib ir-responsabilta ghad-danni u n-ness tal-kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. F'materja ta' danni akwiljani l-principju jibqa dak dettat mill-istess ligi u cioe li hu ritenut in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus pattifamilias (Artikolu 1032(1)) tal-Kodici Civili.

Il-konvenut f'dan il-kaz jghid li hu wissa kemm il darba b'mod car lill-attur dwar il-perikli inerenti fil-makna u spjegalu kif juza l-makna u l-importanza li l-konvenut ma jdahhalx idejh f'ghonq il-makna fejn hemm ix-xafra. L-attur invece jghid li l-konvenut spjegalu bil-kelma kif tintuza l-makna u hallih ghal rihu. L-impjegati 'l ohra t-tnejn xehdu li l-principal ma spejgalhomx kif juzaw il-mincer meta bdew juzawha pero t-tnejn qalu li gia kellhom esperjenza f'dan ix-xoghol. Iz-zewg impjegati xehdu illi huma ma kinux hdejn l-attur meta sehh l-incident ghalkemm wiehed minnhom kien fl-istess kamra. Il-

konvenut jixhed illi l-fabbrika kien fiha biss zewgt ikmamar u li l-makni kienu kollha sikuri.

L-esponenti jissottometti illi mill-provi li ngiebu dwar il-makna jirrizulta illi nonostante s-switch fil-genb tal-makna u l-fatt li kellha melies biex jidhol gol-ghonq, kienet potenzjalment perikoluza ghax l-ghonq li kien flush mat-tray tal-makna ma kellu ebda guard. Ghalkemm ix-xafra kienet xi ftit 'l isfel mill-bokka tal-ghonq, ftit disattenzjoni waqt li qed timbotta l-irkotta fl-ghonq tista twassal ghall-incident jekk idek tinzel dawk il-hames jew sitt pulzieri 'l isfel. Kif xehed wiehed mill-impjegati Marvic Micallef, ghalkemm il-materjal timbuttah fl-ghonq bil-melies, pero xi kultant jifga u timbuttah b'injama. Zied pero li meta jkun fil-wicc tat-toqba tuza subghajk fil-wicc biex iddawwru. Hu qal li qatt ma kellu bzonn juza l-melies ghax kien jitfghu bil-mod u kien imdorri. Pero l-godda jitfghu l-materjal f'daqqa u jkollhom isoffuh bil-melies.

Dawn il-fatti kellhom ipoggu aktar attenzjoni fuq min ihaddem sabiex l-impjegat li qed jahdem fuq il-mincer japprezza l-periklu inerenti fil-makna minhabba n-nuqqas ta' kwalsiasi protezzjoni fl-ghonq u f'kaz ta' impjegat gdid bhall-attur, li dan jigi solveljat meta qed jaghmel dan ix-xoghol specjalment meta l-istess impjegat kellu biss 18-il sena.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza ***Kevin Mallia vs Alfred Mizzi and Sons (Marketing) Limited*** deciza fid-**9 ta' Ottubru 2003** "min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu." (Ara f'dan is-sens ukoll ***Cini vs Wells*** deciza fid-**29 ta' Mejju 2001** mill-Prim Awla).

Inoltre kif qalet il-Qorti fil-kawza ***Borg vs Wells et noe*** deciza fid-**9 ta' Settembru 1981** u ***Schembri vs Caruana*** deciza fis-**16 ta' Novembru 1983 (Appell)** wiehed irid jiehu wkoll in konsiderazzjoni illi l-impjegati huma soggetti ghall-zbalji u disattenzjoni kawzati minn cirkostanzi dovuti

ghall-hin twil ta' xoghol, xoghol ripetitiv u ghejja fost cirkostanza ohra.

L-esponenti jissottometti illi l-konvenut naqas jiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi fuq citati meta ppermetta l-attur jahdem fuq makna perikoluza li ghalkemm munita b'certi mizuri ta' sigurta kif spjega l-istess konvenut, izda mhux idonea tenut kont tal-fatti fuq citati. Il-konvenut ma hax decizjoni ghaqlija bizzejjed meta ppermetta l-attur jahdem insorveljat fuq din il-makna ghall-hin daqshekk twil (jirrizulta li kien ilu gurnata jahdem fuqha) u b'riskju elevat izzejjed illi l-attur seta jkorri.

Kull munita pero fiha zewg faccati. Ghall-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi 'a safe system of work' ghal dak li hu supervizjoni u sikurta u adegwatezza tal-attrezzi jikkorispondi l-obbligu ta' min jahdem illi xoghlu jikkonducih "b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovokax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati" (**Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe"**, Appell **5 ta' Ottubru 2001**).

Il-provi jikkonvincu l-esponenti illi l-attur naqas serjament fl-obbligi tieghu. Ghalkemm zghir u inespert, l-attur mhux xi persuna b'kapacita mentali ridotta. Il-makna li fuqha kien qed jahdem kienet wahda semplici. Kif spjega l-istess attur b'idek il-leminija titfa l-irkotta mit-tray lejn l-ghonq tal-lembut u biex timbuttah 'l isfel fil-melies jekk dan jehel, ghandek melies li izzom f'idek ix-xellugija biex timbuttah 'l isfel. Jekk issegwi dawn iz-zewg istruzzjonijiet tkun qed tuza l-makna minghajr ma tista tipperikola lilek innifsek. Irrizulta mid-dokument tal-ETC li ghamel zewg perjodi ta' tlett xhur precedenti ghall-impjieg tieghu mal-konvenut jahdem f'hanut tal-laham u kwindi l-principji tal-uzu tal-mincer kien gia rikonoxxut ghalkemm ma jirrizultax li qatt hadem fuq xi mincer qabel l-impjieg mal-konvenut. Il-hsara sehhet f'id il-leminija tal-attur. Kwindi dan juri illi dahhal idu mit-tray gol-ghonq. Ix-xafra kienet xi sitt pulzieri 'l isfel fl-ghonq. Kwindi jekk sempliciment ressaq idu lejn ras l-ghonq, l-attur ma kienx jigrilu xejn. Biex iwegga ried ideffes idu sew fl-ghonq. Dan hu sinjal ta' negligenza u disattenzjoni li tmur oltre s-semplici ghejja u

zball dovut ghall-tedjanza ta' xoghol repetut. Din hi indikazzjoni li l-attur ma kienx qed jaghti kaz x'inhu jaghmel u nuqqas assolut tar-regola li l-melies qieghed hemm u kien f'idejh biex jaghmel dak li ghamlet idu minflok bil-konsegwenzi gravi li gabet maghha. Il-wisa tar-ras tal-ghonq ma rrizultax pero ma setghetx kienet wiesa iktar minn id ta' bniedem jekk melies kien jidhol fl-ghonq u dan jinzamm b'id wahda mdawra mieghu u ghalhekk ic-cirkonferenza hi bilfors ridotta. L-attur ma jafx kif idu spiccat fl-ghonq tal-makna. Hemm xiehda tal-konvenut li l-attur kien qed jiccajta ma xi impjegat iehor jitfghu l-irkotta lil xulxin pero provi ma hemmx. Zgur li l-attur kien aljenat hafna aktar milli ragonevolment skuzabbli fic-cirkostanzi.

Ghalkemm il-principal hu responsabbli li jipprevedi u jiskansa l-impjegat mill-infortunji, izda l-impjegat ukoll irid juza l-istess responsabilta fid-dover li hu jadempixxi lejn il-principal u ma jabbuzax mill-ghodda moghtija lilu. F'dan il-kaz l-esponenti jissottometti illi fil-maggor parti l-htija tal-incident kien tal-attur li ghalkemm zghir u inespert fl-uzu tal-makna mhux ta' mentalita semplici li ma jifhimx l-uzu tal-makna u l-periklu evidenti li kellha u li kellu l-mezzi biex jevita kieku uzahom kif kellu. Il-konvenut pero mhux nieqes minn dik il-parti ta' responsabilta li bhala bonus paterfamilias kellu jevalwa sew ir-riskji u jew ma jinkorrihomx jew jipprovdi sorveljanza adegwata ghall-impjegat frisk u zghir fuq makna li setghet, kif irrizulta, tikkaguna hsara jekk mhux uzata sew u minghajr ma kellha mezzi ta' sigurta tali li l-istess makna kienet minghajr perikolu.

L-esponeneti jissottometti ghalhekk illi l-attur ghandu jsofri hamsa u sebghin fil-mija (75%) tar-responsabilta u l-konvenut hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tar-responsabilta.

Danni

L-esponenti ma pprova ebda danni attwalment sofferti minnu bhala rizultat dirett tal-incident.  Irrizultaw danni konsegwenzjali gravi f'id il-leminija tal-attur.

Saret hafna xiehda dwar protesi li l-konvenut kien lest li jaghmillu a spejjes tieghu u anki offerta ta' impjieg alternattiv mal-istess konvenut u dan minghajr ammessjoni ta' responsabilta tal-konvenut.  Dawn gew irrifjutati mill-attur u sallum l-attur ma jilbes ebda protesi u jidher li din hi xelta tieghu stess.

Il-konvenut fil-fatt gab provi li hu kien lest, a spejjes tieghu,  jipprovdi lill-attur tali protesi u dan irrifjuta.  Ma rrizultax car pero jekk ir-rifjut kienx ghaliex il-protesi ma kinitx idonea jew ghaliex il-konvenut rabat l-ghotja tal-protesi u xoghol mieghu in total sodisfazzjon ta' kull pretensjoni attrici.  L-esponeneti jissottometti illi l-prova li l-attur qed jitlob li ssirlu protesi bhala parti mid-danni attwalment sofferti trid issir minnu.  In kontro ezami l-attur xehed illi kien sarlu passaport biex isiefer u ssirlu l-protesi izda xorta ma accettax l-offerta ghax ma riedx li jaccetta li jaghzel il-protesi minn fuq katalgu qabel isiefer.  Jghid li ma accettax l-offerta ta' xoghol ghal ghomru ghax ma riedx jerga jahdem mal-konvenut.  Jixhed li kien hemm zmien meta mar ghand l-avukat tal-konvenut biex jiffirma xi karti dwar din l-offerta izda rega bdielu.

L-attur ma gab ebda prova minn naha tieghu li juri li kellu jew ghandu interess serju li ssirlu protesi.  Kif qal ix-xhud Dr Slivka, lanqas l-isptar l-attur ma wera interess li ssirlu protesi.  Inoltre hi fl-ewwel sena wara l-incident illi protesi artificjali ghandha l-akbar cans li jkollha success f'dik li hi uzu u adattabilita ghal persuna ghalkemm f'kaz ta' id artificjali din dejjem ser ikollha uzu limitat.  Illum ghaddew erbatax-il sena mill-incident u l-attur ma xehed qatt dwar il-bzonn jew il-hajra li jkollu protesi.  F'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti jissottometti illi protesi ma hi ser tkun ta' ebda utilita ghall-attur li lanqas wera ebda interess f'dan iz-zmien kollu li jkollu protesi flok l-id li tilef.

Ghalhekk dak li ser jigi kunsidrat bhala lucurum cessans ghandu x'jaqsam biss mal-menomazzjoni permanenti tal-attur.

In kwantu ghal mod kif ser issir l-komputazzjoni tad-danni l-esponenti jirreferi ghall-ahhar insenjamenti tal-Qrati taghna fosthom dik fuq citata ***Busuttil vs Meilaq.***

Fid-data tal-incident cioe fid-19 ta' Jannar 1990 l-attur kellu tmintax-il sena. Id-dhul tieghu mill-paga jidher li kienet Lm35 fil-gimgha (din tirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni). Ic-cetifkat mediku rilaxxat minn Mr. Carmel Sciberras jistabilixxi persentagg ta' dizabilta ta' hamsin fil-mija (50%). Tenut kont tac-chances and changes of life l-esponenti jissottometti illi multiplier ta' hamsa u ghoxrin sena bhala wiehed gust. Dan iwassal ghal figura ta' danni ta' Lm22750.

Billi l-attur irid ibati tlett kwarti tar-risponsabilta ghandha tithallas is-somma ta' Lm5687 lill-attur in linea ta' danni.

Billi dan l-ammont ser jithallas f'salt ghandu jsir detrazzjoni izda billi gia ghaddew tnax-il sena mill-ftuh tal-kawza u jonqos xi ftit aktar sal-ghoti tas-sentenza hu gust li ma ssir ebda detrazzjoni ulterjuri.

L-esponenti jixtieq jirrileva li in kwantu ghall ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut li l-konvenut personalment ma ghandux relazzjoni guridika mal-attur u illi l-isem tad-ditta citat hu hazin, l-esponenti jirreferi ghall-affidavit tal-konvenut fejn jirrizulta illi l-konvenut ifforma kumpanija seba' xhur wara l-incident u illi fil-mument tal-incident kien igestixxi hu bhala sole trader n-negozju msejjah Jack Frost. Kwindi dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda u prevja c-cahda ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet u l-eccezzjoni 'l ohra fil-mertu, ghandhom jintlaqghu l-ewwel tlett talbiet u l-hames talba attrici fis-sens li l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli ghall-incident in kwistjoni fil-mizura ta' kwart u jigi kkundannat ihallas lill-attur in linea ta' danni is-somma ta' Lm5687 bl-imghax mid-data tas-sentenza u mhux mix-data tan-notifika tac-citazzjoni u dan minhabba t-tul li hadet il-kawza minghajr

htija tal-partijiet; ghandha tigi michuda r-raba’ talba attrici ghax mhux kontemplati danni morali fil-ligi Maltija; u ghandha tigi michuda s-sitta, seba, u tmien talbiet attrici ghax l-attur ma wera ebda interess li ssirlu pala gdida tal-id u ma gab ebda prova a rigward.

Tant l-esponenti ghandu x’jissottometti ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti.”

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti rat il-kunsiderazzjonijiet u il-konkluzjonjiet kollha illi ghalihom waslu il-periti gudizzjarji minnha mahtura, peress illi taqbel ma l-istess konkluzjonijiet kollha, qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni tal-periti gudizzjarji minnha mahtura u taghmilha bhala taghha.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi ma saret l-ebda kritika ghall-imsemmija relazzjoni, ma saret l-ebda talba ghall-hatra ta’ periti perizjuri u ma saret l-ebda eskussjoni ta’ l-imsemmija relazzjoni.

Illi inoltre hadd mill-partijiet ma ipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet f’din il-kawza, minkejja li inghataw l-opportunita sabiex jaghmlu dan.

Decide

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej : billi filwaqt illi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u l-eccezzjonijiet l-ohra fil-meritu, tilqa l-ewwel tlett talbiet attrici u tilqa wkoll il-hames talba attrici fis-sens li l-konvenut qieghed jigi iddikjarat responsabbli ghall-incident in kwistjoni fil-mizura ta’ kwart u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta’ danni is-somma ta’ tlettax il-elf mitejn u sebgha u erbghin euro u hmistax il-centezmu (€13,247.15) bl-imghax mid-data tas-sentenza. Il-Qorti qeghda tichad ir-raba talba attrici peress illi l-Ligi taghna ma tikkontemplax danni morali u qeghda tichad ukoll is-sitt, sebgha u tmien talbiet attrici peress illi l-attur

ma wera l-ebda interess illi ssirlu pala gdid tal-id u ma gab ebda prova f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------